# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa 8 ta' Mejju, 2024**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1020/17TA**

**Philip Agius**

**vs**

**The AV Warehouse Limited [C 36143]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Philip Agius (l-Attur) tas-7 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' intimata.

2. Illi fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2015, ir-rikorrent kien gie nkarigat mis-socjeta' ntimata biex jahdem fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, fejn gie mqabbad jiehu hsieb l-armar u l-eventwali zarmar tal-apparat ta' dawl u *sound* ghal attivita sportiva li kellha tinzamm f'dan il-Kumpless.

3. Illi meta spiccat din l-attivita' sportiva, ir-rikorrent u haddiema ohra bdew izarmaw l-apparat ta' dawn u *sound*. Illi gara li fis-sieghat bikrin tas-26 ta' Settembru 2015 ghall-habta ta' 2.30am, sehh incident serju fejn waqa' parti minn dan l-apparat maghruf bhala *truss*, u r-rikorrent, b'konsegwenza tal-istess, safa korrtu f'rasu u ntilef minn sensih u spicca wiccu'l isfel mal-art mgherreq f'ghadira demm, li harget minn ferita kbira f'rasu, u kien f'qaghda kritika li jitlef hajtu pero' fortunatament salva.

4. Illi izda b'konsegwenza ta' dan l-incident ir-rikorrent sofra debilita' permanenti qawwija fuq il-persuna tieghu, u danni konsegwenzjali, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza anke bix-xhieda tal-konsulenti medici li kkonfermaw din id-dizabilita'.

5. Illi s-socjeta' intimata hi responsabbli ghall-incident imsemmi u l-konsegwenti debilita' permanenti li sofra r-rikorrent fuq il-persuna tieghu, li sehhet unikament b'tort u htija taghha minhabba nuqqas ta' diligenza, prudenza u hsieb, b'negligenza u imperizja, u minhabba *unsafe working practices* u billi ma giex ipprovdut *a safe working environment/safe system of work*, u ghalhekk m'osservatx l-obbligi statutorji u kuntrattwali taghha versu l-impjegati taghha bhala enti li thaddem.

6. Illi s-socjeta intimata giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent fuq il-persuna tieghu b'konsewenza ta' dak kollu fuq imsemmi, anke permezz ta' ittra ufficcjali, imma injorat kull interpellazzjoni (bla ma qatt irrespingiet), u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata hi responsabbli ghall-incident li sehh fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2015 fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera ghall-habta ta' 2.30am, u ghall-konsegwenti debilita' permanenti li qed ibati minnha r-rikorrent fuq il-persuna tieghu, u ghad-danni l-ohra kollha sofferti b'konsegwenza tal-istess incident.

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkunanna lis-socjeta' intimata biex thallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Marzu 2017 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' intimata, li hi ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' The AV Warehouse Ltd (is-soċjeta' konvenuta) tas-6 ta' Diċembru 2017 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huwa infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li mhux minnu li l-incident gara minhabba xi tort negligenza jew nuqqas ta'

osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tas-socjeta' kif ser jigi dettaljatament ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

2. Illi t-talbiet rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident sehh b'tort u negligenza tal-attur Philip Agius stess u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza odjerna;

3. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, u in ogni caso d-danni lamentati ossia kemm dawk ta' 'damnum emergens' u 'lucrum cessans' jridu jigu pprovati skond il-ligi kemm fihom innifishom kif ukoll ghal dak li jirrigwardja il-konsegwenzjalita' taghhom ghal xi agir jew nuqqas tal-intimata li wkoll iridu jigu pprovati;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa matul il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attur safa' korrut serjament fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2015 meta kien flimkien ma oħrajn qiegħed iżarma struttura fil-kumpless Sportiv tal-Kottonera. Dan l-armar jappartjeni lis-soċjeta' konvenuta ma' min kien ukoll impjegat l-Attur bħala technician u rigger. Is-soċjeta' tipprovdi servizzi ta' dwal u akustika. F'din l-okkazzjoni kien event ta' boxing.

**2.** Waqt li l-Attur kien qiegħed jipparteċipa fil-ħatt tal-istruttura inkwistjoni, parti minnha, magħrufa bħala truss, arbulat għal fuqu bil-konsegwenza li ġarrab ġrieħi gravi f'rasu tant li ħarġet għadira demm u

qasam il-kranju. Minħabba dan l-inċident l-Attur kien saħansitra fil-perikolu li jitlef ħajtu.

**3.** Minħabba nuqqas ta' diliġenza talli ma provdietx *a safe system* of work u għalhekk qiegħed ifittex għad-danni minnu sofferti.

**Punti ta' Liġi**

**4.** It-talba tal-Attur hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol.

**5.** Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

**6.** Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)).

**7.** Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work"* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol, bħal huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

**8.** Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat - Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-

Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara fost oħrajn **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem.

**9.** Pero' wkoll "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess*" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)." (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna birresponsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16*)."

**10.** B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi

traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**).

**11.** Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara art. 6(3) tal-Kap 424).

**12.** Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara

**Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

**13.** Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**).

**14.** B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad- 9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**). Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża.

**15.** Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28)** intqal li fejn hemm kuntratt ta' impieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal*

*safety of the other party to the contract."* Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

**16.** Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l-incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato"* (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

**17.** Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita'.

**Konsiderazzjonijiet**

**18.** Id-difiża prinċipali tas-soċjeta' konvenuta hija dik li titfa' r-responsabbilita' tal-akkadut fuq l-Attur. Jekk dan huwa minnu allura t-

talbiet Attriċi għandhom ikunu miċħuda. Din l-eċċezzjoni għandha żewġ tifsiriet. L-ewwel waħda li kien kompitu tiegħu li jieħu ħsieb li jkun hemm ambjent ħieles minn riskji għas-saħħa tal-ħaddiem u dan ma wettaqx xogħolu sewwa f'dan ir-rigward għaliex kien ukoll safety officer skont il-liġi. It-tieni waħda hi, li indipendentment minn dan l-aspett, kien oġġettivament responsabbli għal dak li ġralu għaliex ma kienx ħa ħsieb li jħares saħħtu kif wara kollox anke jesiġu kemm ir-regolamenti u Sentenzi fuq imsemmija.

*L-Attur bħala safety officer*

**19.** Ma hux dubitat li l-Attur kien impjegat tas-soċjeta' konvenuta. Biex il-Qorti tkun tista' tasal għall-konklużjoni dwar il-ħtija huwa importanti għalhekk li jkun eżaminat x'jemerġi mill-provi dwar x'tassew kienet ir-relazzjoni tal-Attur qua impjegat mas-soċjeta' konvenuta qua employer u ta' x'kien ir-*remit* ossia *job description* tal-impieg tal-Attur.

**20.** Mill-provi jirrisulta b'mod abbundanti, li l-Attur kien il-factotum f'ħafna mix-xogħol li kienet tagħmel is-soċjeta' konvenuta. Kien bniedem, li fil-qasam ta' tal-Audio and Visual (AV) kellu esperjenza tant kbira li kien bniedem magħruf minn kulħadd f'dan il-qasam u dan kif xhedu bosta waqt il-kawża. L-anqas ma hemm dubbju, li l-ħila u l-kapaċitajiet tiegħu kienu żgur parti mill-mutur tas-suċċess tas-soċjeta konvenuta f'din il-linja ta' xogħol (ara xhieda ta' Antoine Busuttil a' fol 843 tergo).

**21.** F'dan ir-rigward, Charles Micallef mill-OHSA għid, li ma ħassx li kellu jieħu passi kontra s-soċjeta' konvenuta għaliex l-Attur kien naqas li jieħu ħsieb tas-saħħa u sigurta' tiegħu nnifsu (a' fol 748). Dan ikomlpi jixhed "*Heq jien fi* _*x'hin qalli li huwa s-supervisor, l-operations manager*_*, jiena hemm hekk idi gew marbuta fuq il-kaz. Heq mela miskin dan garrab li garrab"* (Emfażi tal-Qorti a' fol 746 tergo). Irid jingħad, li sabiex dan ix-xhud wasal għall-konklużjonijiet tiegħu ma għamel ebda verifiki mal-Jobs Plus iżda qagħad biss fuq dak li qallu l-Attur (a' fol 750). Il-Qorti tħoss li dan ix-xhud kien xi ftit spiċċattiv fil-qadi ta' dmirijietu. Li kieku għamel id-debiti riċerki, kien isib li d-desinjazzjoni tal-impieg (*job description*) tal-Attur kienet waħda ta' *technician/rigger* u mhux supervisor (a' fol 773). U li kieku ra sewwa xi tgħid il-liġi forsi kien jaħsibha mod ieħor u dan kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel.

**22.** Paul Falzon, il-ubo tas-soċjeta' konvenuta li anke jiddiskrivi lilu nnifsu bħala l-propjetarju, jixhed li dak iż-żmien ma kienx hemm safety officer għaliex il-kumpanija kienet żgħira imma llum hemm (a' fol 730 tergo). Għalkemm aktar tard fix-xhieda tiegħu, fuq mistoqsija tal-avukat tiegħu, dan għid li kien l-Attur li jagħmilha ta' safety officer (a' fol 731). L-Attur jikkorrabora dan meta iwieġeb, li parti minn xogħolu kien li jara li jkun hemm *a safe system of work* (a' fol 865).

**23.** Reno Attard, li jikri lis-soċjeta' konvenuta jiddiskrivi lill-Attur bħal qiesu *r-right hand man tiegħu*, iġifieri ta' Paul Falzon (a' fol 838 hekk ukoll jiddiskrivih Mathieu Cilia). U Damien Alison, li kien juża s-servizzi tas-

soċjeta konvenuta għid, li fejn jidħlu flus kien ikollu x'jaqsam ma' Paul Falzon u meta kienu jaslu l-events kien ikollu x'jaqsam mal-Attur. (a' fol 854 tergo).

**24.** Ma hemm ebda dubbju, li Paul Falzon kien jafda b'għajnejh magħluqa fl-Attur u l-Qorti taħseb, li dan sabha komda, li filwaqt li hu jieħu ħsieb tal-flus, l-Attur, anke jekk ma kienx uffiċjalment impjegat għalhekk, kien jieħu ħsieb il-loġistika u r-riskji kollha fuq il-lant tax-xogħol li kull kull event kien iġib miegħu, inkluż għalhekk li jishar fuq saħħet ħadd ieħor. Iġifieri l-Attur kellu r-responsabbilita' doppja, li jwettaq dmiru bħala ħaddiem u li jishar fuq is-saħħa ta' ħadd ieħor għaliex ġie magħżul għalhekk mis-soċjeta' konvenuta.

**25.** Desmond Tanti jixhed ukoll li "*…. l-Attur kien operations manager ….. kien jippjana x-xoghol, iqassam ix-xoghol u kien ukoll jarma u jzarma maghna f'dawn l-events li qed insemmi*" (a' fol 630). Paul Falzon, is-sid tas-soċjeta' konvenuta għid, li apparti li jissorvelja x-xogħol kien jagħti ukoll daqqa t'id (a' fol 714 tergo).

**26.** Meta l-Attur talab lil Paul Falzon biex l-obbligi li għandu jkunu uffiċjalment riflessi fil-*job description tiegħu,* dan jixhed hekk "*kulhadd jirrakonta li jien kont manager. Meta tlabt lil Paul biex jiktibni bhala manager ghax jien mhux veru manager kont imnizzel qalli le inti wiehed minnhom, dik kienet ir-risposta. Dawn huma affarijiet, dettalji zghar li niftakar f'hajti*" (a' fol 863.) Possibilment li kieku s-soċjeta' konvenuta laqgħet it-talba tal-Attur kienet loġikament tfisser żieda fis-salarju tal-Attur.

**27.** Issa l-liġi tippermetti li jista' jintgħażel ħaddiem biex jara li jkun hemm *a safe system of conduct* fix-xogħol. Di fatti Regolament 9 tal-Avviż legali 424/18 jiddisponi hekk:

*"(1) F'kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħmel persuna waħda jew aktar li* *jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u tagħrif neċessarju* ***sabiex tassistieh*** *fit-teħid ta' mizuri meħtiega fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol:*

*Izda fejn iktar minn persuna waħda tkun magħzula, jew fejn ikunu mqabbda servizzi esterni, min iħaddem għandu jagħmel arrangamenti sabiex jizgura koperazzjoni adegwata bejniethom.*

*(2) Ħaddiema li jkunu ntgħazlu sabiex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-aħħar subregolament,* *ma jistgħux jitpoggew f'xi zvantagg minħabba l-attivitajiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà* *fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol".* (emfażi tal-Qorti)

**28.** Minn dan ir-regolament jirrisulta, li mhux la kemm li min jimpjega jaħtar ħaddiem ai fini ta' din il-parti tal-Liġi. Il-persuna hekk maħtura jrid ikollha ċertu kwalifiki bħal ma huma l-ħeġġa, kapaċitajiet neċessarji, kompetenza u tagħrif neċessarji u dan **biex tassistih** u mhux biex teżonera lil min jimpjega minn kull responsabbilita' li jassigura l-ħarsien tal-ħaddiema fuq ix-xogħol. Għalkemm meta Paul Falzon reġa' xehed in

kontro-eżami f'sens ġenerali għid li kollox kien jiddependi mill-Attur u li kien iħalli kollox f'idejh. Għid li fuqu ma kien hemm ħadd ħlief hu bħal propjetarju (a' fol 731). B'dana kollu dan ma jfissirx li Paul Falzon kien b'daqshekk ħeles u llibera lilu innifsu minn kull responsabbilita' taħt il-liġi.

**29.** Iġifieri l-ħaddiem magħżul ma jissostitwixxix lil min iħaddem f'dan l-obbligu essenzjali tiegħu. Dan tant huwa minnu, li jekk tinqala' xi ċirkostanza, bħal dik li għandha quddiemha din il-Qorti, il-liġi tgħid dak il-ħaddiem hekk magħżul, ma għandux isib ruħu fi svantaġġ minħabba din il-posizzjoni. Di piu', minn imkien ma emerġa li l-Attur jipposjedi l-kapaċitajiet, kompetenza u tagħrif neċessarju biex tassew seta' jitqiegħed f'din posizzjoni. Anzi mill-provi jirrisulta l-kuntrarju kif ser naraw aktar 'l isfel, li l-ħaddiema kienu neqsin minn kull taħriġ rejali kif titlob il-liġi.

**30.** Il-modus operandi tas-soċjeta' konvenuta kienet li titfa' kollox fuq l-Attur. Mid-defiċjenzi ta' tagħrif neċessarju anke fid-dawl li ma jirrisultax li qatt sar <u>risk assessment</u>, jista' jiġi desunt xi kwalita' ta' *assessment* għamlet is-soċjeta' konvenuta meta għażlet lill-Attur biex jokkupa kariga bħal din. B'ħatra bħal din, is-soċjeta konvenuta ma tistax issa ssibha komda billi tinkolpa lill-Attur biex taħrab mill-obbligi tagħha taħt il-liġi, meta fl-aħħar kien hekk magħżul biex jassistiha u mhux jissostitwixxiha f'dan l-obbligu partikulari.

*<u>L-allegat aġir kontributorju tal-Attur</u>*

**31.** Kif diġa' rilevat, is-soċjeta' konvenuta tallega li l-Attur stess ikkontribwixxa għall-inċident għaliex ma ħax ħsieb tiegħu innifsu.

**32.** L-aktar xhud importanti f'din il-Kawża kien Desmond Tanti.

**33.** Dan kien wieħed minn dawk li waqt l-inċident kien qed iżarma l-istruttura (it-truss). Jispjega li kienu erbgħa ħaddiema full time u wieħed part-time (a' fol 631). Dan ix-xhud jispjega li taħriġ formali ma ngħatax, "*l-uniku tahrig kien li tghallimt waqt ix-xoghol. Learning by doing ha insejhilha hekk."* (ara a' fol 638). Għid ukoll li l-ktieb ossija il-manwal rah wara u mhux qabel l-inċident u qatt ma ġie f'idejh qabel (a' fol 638). Kien bgħatulu b'email Paul Falzon biex jitgħallmu mill-inċident (a' fol 639).

**34.** Dan Desmond Tanti għid li s-safety wear kienu jixtruhom huma minn buthom. L-ilbies prottetiv kien option jilbsuhx. Fil-fatt kien hemm min ma kienx jilbsu. Hu kien jilbsu minn jheddu mhux għax tgħidlu l-kumpanija. Dan għid ukoll li sa fejn jaf hu ma kien hemm ħadd li jieħu ħsieb il-Health u Safety (a' fol 637). Kienu jaħmdu b'mod normali minn fil-għodu sa fil-għaxija qrib 12-il siegħa u dejjem l-istess guy ta' nies (a' fol 639). Wara l-inċident ngħataw first aid kors u kienu inxtraw xi affarijiet ta' safety oħrajn bħal helmets u harnesses (a' fol 640).

**35.** L-Attur riprodott minn jheddu għid "…. *aktarx ma konniex it-team kollu minhabba ghejja u hafna xoghol u hafna hinijiet ghax dik kienet l-akbar problema li konna naghmlu hinijiet twal u kulhadd ghajjien…naf li konna erbgha minn nies. Tnejn nahdmu hemm u wiehed ma kienx ilu*

*jahdem hemm hemmhekk u kien ghadu zghir*" (a' fol 721). Dwar l-element ta' għejja l-Attur jispjega li kien jiġbed l-attenzjoni biex jinvestu f'safety wear u li kien jilmenta li l-lavranti ma kellhomx training u jgħaġġlu biex imorru d-dar għax super għajjenin (a' fol 865).

**36.** Is-soċjeta' konvenuta kemm in eżami u anke in kontro eżami tonqos li tikkontradixxi ħafna minn dawn l-allegazzjonijiet. Minn dawn iż-żewġ passaġġi jirrisulta b'mod mill-aktar ċar, l-element ta' għejja fuq ix-xogħol u n-nuqqas lampanti ta' taħriġ u saħansitra l-ingaġġ ta' ħaddiema li ma humiex addestrati dwar dan ix-xogħol li intrinsikament huwa perikoluż għall-aħħar. L-Attur in kontro eżami għid li kien jilmenta ma' Paul Falzon li n-nies li kienu qed jassistuh mingħajr esperjenza u ġieli studenti (a' fol 863).

**37.** A' propositu tal-element ta' għejja, li spikka f'din il-Kawża, dawn il-Qrati osservaw hekk:

*"…izda hu proprju meta haddiem jahdem fit-tul li juri kemm hu ta' esperjenza jew le ghax imbaghad fejn tidhol l-ghejja u n-nuqqas ta' attenzjoni jkun f'dak il-mument li tradesman juri l- sengha tiegħu, li persuna bla esperjenza ma jkolliex".* (Ara **Sentenza tad-9 ta' Frar, 2004 , Prim Awla fl-ismijiet Anthony Zammit -vs- Mediterranean Oilfield Services Company Limited [Medserv Limited] per Imhallef Geoffrey Valenzia**).

**38.** Ċirkostanza ta' importanza hija l-email li Paul Falzon bagħat li Desmond Tanti bil-manwal, biex b'hekk ikunu jistgħu jitgħallmu mill-inċident. Din l-email ma ġietx esebita iżda minn naħa tiegħu, la in kontro-eżami u l-anqas meta xehed minn jheddu ma ċahad din il-parti tax-xhieda. Iġifieri apparti li dan il-manwal qatt ma ġie f'idejn il-ħaddiem qabel l-inċident ironikament kellu jkun dan l-inċident biex dak li jkun jitgħallem x'inhuma r-riskji f'dan ix-xogħol, meta huwa l-obbligu ta' min iħaddem biex jagħmel *risk assessment* biex propju dawn l-inċidenti jiġu evitatiu *ex tunc* u mhux *ex nunc.*

**39.** A propositu ta' dan Regolament numru 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 (Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurta`fuq il-Post tax-Xogħol) jipprovdi li għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol.

**40.** Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża.

**41.** F'**Tort, Winfield & Jolowicz on Tort, 18th edition, 2010** jingħad li:

“*A worker who proves that he has suffered injury because the statutory requirement has not been met establishes at least a prima facie case – he is not required to aver what measures the defendant should have taken to comply with the regulation.” “Even if the employer is not responsible for defects in someone else’s premises…, he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness” (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)…“Even if the employer is not responsible for defects in someone else’s premises…, he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)” (pg 240).*

**42.** Għalhekk din il-Qorti ma sabet ebda responsabbilita’ kontributorja da parti tal-Attur.

*<u>Il-mekkanika tal-inċident</u>*

**43.** Kienu erbgħa minn nies qed iżarmaw struttura ossia *truss* (a’ fol 24). Din hija “*a framework, typically consisting of rafters posts, and struts supporting a roof, bridge, or other structure*” (**Oxford Dictionary**). Din l-istruttura hija tal-Aluminium li għandha erbgħa saqajn u kaxxa kwadra.

Tinżel bic-chain blocks. Is-sieq ta' din l-istruttura taħdem biċ-ċappetti li tiżżarma bil-kontra. Is-sieq tal-aluminium fiha 7 metri għandha erbgħa ċappetti. Normalment dawn iċ-ċappetti jiżżarmaw 'l barra u jkun hemm erbgħa minn nies biex jilqgħuha u tiżżarma bil-kontra (a' fol 25).

**44.** Desmond Tanti wieħed minn dawk li kienu waqt l-inċident qed iżarma l-istruttura (it-truss) għid, li kienu erbgħa full time u wieħed part-time (a' fol 631). Dan ix-xhud għid hekk: "*Inqalghu pinnijiet tan-naha tat-truss u Philip li kien qed jorbot in-naha l-ohra tat-trus. B'hekk waqghet in-naha li imbaghad waqet u wegga' Philip. Biex izzarma bil-fors iridu jinqalghu l-pins"* (a' fol 632). Dak il-ħin Philip kien qiegħed jorbot il-ħabel biex x'ħin tinżel ikun jista' jieħu ftit mill-piż tal-istruttura bil-ħabel biex il-piż ma jkunx kollu fuq min qiegħed jimxi taħt l-istruttura (a' fol 633). Skont dan ix-xhud inqalgħu l-pinnijiet ta' naħa u mhux ta' oħra. Skond dan ix-xhud hekk kien għid il-manwal. Is-sistema tal-ħabel introduċiha l-Attur bl-iskop li jnaqqas mill-perikolu u jiffaċilita' l-ħatt tal-istruttura.

**45.** Noel Watson, ħaddiem ieħor, jixhed hekk: "*If the wrong safety pins were removed when Philip was pulling the checking to check the tension on the rope, that's when he must have fallen off balance*". (a' fol 660 tergo).

**46.** L-ewwel darba li xehed, Paul Falzon xehed b'ċertu diżinvoltura fis-sens li minn dak li qalulu wasal għall-konklużjoni "*Li xi hadd qala' l-pins hazin probabbli"* (a' fol 713 u a' fol 731). Għalhekk Philip kien mingħalih li

ser jinżel naħa u minflok niżel minn oħra (a' fol 713 tergo). Identifika lil Desmond Tant bħala l-persuna li qala' l-pinnijiet.

**47.** Importanti f'dan ir-rigward, l-aħħar xhieda li ta Desmond Tanti dwar liema pinnijiet qala':

"***Mark Vassallo***: *Tax-xellug nehhejt int ?*

***Xhud***: *Jekk tinzel fuq ix-xellug tan-naha li tinzel fuq ix-xellug. Jekk nizlet fuq il-lemin tan-naha li tinzel fuq l-lemin.*

***Dr. Mark Vassallo***: *Le imma f'dan il-kaz partikulari inti.*

***Xhud***: *Qed nipprova inpengiha go rasi.*

***Dr. Mark Vassallo***: *Inti dak in-nhar ta' liema nehhejt pinnijiet?*

***Xhud***: *Mela jekk tinzel fuq in-naha tax-xellug il-pinnijiet tan-naha tal-lemin.*

***Dr. Mark Vassallo***: *Igifieri inti qed tiskontra li nizlet.*

***Xhud:*** *Biex tinzel fuq ix-xellug bil-fors trid tnehhi tal-lemin. U jekk tinzel fuq il-lemin bil-fors trid tnehhi tax-xellug*". (a' fol 888).

**48.** Minn dan il-passaġġ huwa ċar li Desmond Tanti tassew jikkonfondi x-xellug mal-lemin. Għalhekk fuq il-bilanċ tal-probabalitjiet u preponderanza tal-provi l-Qorti tasal għall-istess konklużjoni waslu għaliha Paul Falzon u Noel Watson li kien Desmond Tanti li bi żball neħħa l-pinnijiet il-ħżiena. L-inċident seħħ fis-siegħat bikrin ta' fil-għodu meta kull ħadd kien għajjien u moħħu biex jitlaq lejn id-dar.

**49.** Għaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li ser tkun qed tirrispinġi l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, ser tkun qed tiddikjara li r-responsabbilita' unika għall-inċident taħti għaliha l-istess soċjeta' konvenuta u dan prinċipalment minħabba li ma kellhiex sistema tajba f'postha biex jiġu evitati inċidenti ta' din ix-xorta meta l-ħaddiema tagħha ma kienux imħarrġin tajjeb u di piu' *overworked*.

*<u>Danni</u>*

**50.** Għalhekk issa jmiss li jiġu likwidati d-danni.

**51.** Id-danni klassikament dejjem jitqiesu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*).

**52.** Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib".*

**53.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza lill-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-

prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli rejali, għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident li jħalli debilita' permanenti, l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident partikularment fil-każ in eżami fejn id-danneġġjat tilef għall-bqija ta' ħajtu s-sensazzjonijiet sensorjali tiegħu fosthom tax-xamm, tal-udit, tal-vista u anke tat-tagħam.

**54.** Din il-Qorti issejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-Attur kien jipprattika sport, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu l-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa bil-kemm wieħed jista' jkollu. Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni.

**55.** F'dan ir-rigward Munkmen isemmi l-każ ta' **Heil -vs- Rankin** fejn intqal hekk: "*The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…"* (Ara **Munkman on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3**).

Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'Butler -vs- Hurd, ser tkun qed tagħti somma oħra, li tagħmel tajjeb għat-

telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident f'ħajjet id-danneġġjat.

*Damnum Emergens*

**56.** Dwar dawn ix-xorta ta' danni l-Attur ma esebixxa ebda dokumenti. Di fatti propju taħt dan il-kap tad-danni fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-Attur jgħid hekk:

"*Illi l-esponenti ma ezebixxa l-ebda dokumenti sabiex jissostanzja d-danni attwali illi sofra fiz-zminijiet sussegwenti ta' wara l-inċident u dan in vista tal-fatt illi huwa baqa' fuq il-kotba tas-Soċjeta' konvenuta sas-sena 2017, kif huwa evidenti mid-dokument mahrug mill-jobs plus*" (Ara para 37 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attur a' fol 898).

*Lucrum cessans*

**57.** Il-prinċipji prinċipali huma s-segwenti tal-mod kif għandu jkun likwidat it-telf fil-futur.

**58.** L-ewwel u qabel kollox il-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens biss purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba.

**59.** F'dan ir-rigward il-Qorti għandha tqis il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti minnha maħtura dwar: Dr. Anthony Galea Debono newrologu maħtur mill-Qorti stabilixxa perċentwal ta' 76%. Rapport ta' Thomas Fenech Oftalmogu 60% (a' fol 728). Rapport ta' Kenneth Muscat ENT 11% (a' fol 735). Kien maħtur ukoll Dr. Etienne Muscat bħala espert psikjatra li għal xi raġuni baqa' ma rrelatax. B'dana kollu l-partijiet xorta waħda għamlu n-nota ta' osservazzjonijiet rispettivi tagħhom u ma qanqlu ebda oġġezzjoni għal dan. Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tistabilixxi l-weighted average tar-rapporti li għandha quddiemha.

**60.** Għalhekk wara li din il-Qorti kkunsidrat id-diversi perċentwali mogħtija waslet għall-konklużjoni li fid-dawl tal-kontinġenzi elenkati mill-esperti tagħha, perċentwal ta' 80% ta' diżabilta' permanenti huwa adegwat.

**61.** Kif diġa' aċċennat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet.

**62.** B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qegħda tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**63.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita` permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**64.** Issa jirrisulta b'mod ċar li qabel l-inċident l-Attur kien bniedem ta' kapaċitajiet konsiderevoli, tant li Paul Falzon kien iħalli kollox f'idu. Meta xehed Antoine Busuttil ta' Besteam Audio Limited, l-employer il-ġdid tiegħu, dan għid li bħala xogħol jagħmel ftit żgħira minn kollox. Għid li llum huwa limitat u li minħabba t-temperaturi jgħejja malajr, jaħdem ħinijiet qosra u anke jkollu jmur id-dar biex jistrieħ u ma jarax u ma jagħrafx lin-nies (a' fol 843 tergo u 544).

**65.** Minn barra dan għall-bqija ta' ħajtu l-Attur la jtiegħem, la jxomm, la jisma' sewwa u għandu l-vista' t'għajnejh mgħarrqa għall-aħħar. Il-Qorti ma tistax toqgħod biss fuq il-perċentwali tat-tobba iżda trid tqis li d-danneġġjat ġie imċaħħad għall-għomru mill-pjaċiri ordinarji tal-ħajja. L-anqas ma huwa dubitat li fl-istat li hu, żgur li effettwatlu l-ħajja soċjali u familjari tiegħu.

**66.** Għalhekk anke in ommaġġ għall-prinċipju tar-restitutio in integrum, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, din il-Qorti għandha tagħti ukoll somma oħra, li għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**67.** Għalhekk qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Għalhekk il-Qorti tħoss li sabiex tagħmel tajjeb għall-effetti miserabbli li l-inċident ħalla fuq l-Attur għall-bqija ta' ħajtu qed tillikwida s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) rappresentanti il-frammentazzjoni psiko-soċjali ta' ħajjet l-Attur.

**68.** Il-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because*

*the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases"* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128**).

**69.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**70.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967**. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt*

*li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*".

**71.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** qalet hekk:

"*F'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat.*".

**72.** Issa din il-Qorti issib li l-aħjar kejl huwa dak tal-eta' tad-danneġġjat fil-mument tal-inċident sakemm jilħaq l-eta' tal-pensjoni soġġett dan il-kejl għall-istat ta' saħħa tad-danneġġjat qabel l-inċident li weġġa' fih. Minn eżami tal-provi ma jirrisultax li l-Attur kien isofri minn xi kundizzjonijiet li setgħu iqassrulu ħajtu. L-Attur twieled fit-12 ta' Lulju 1983 (ara a' fol 189) u għalhekk meta weġġa' fil-2015 kellu 32 sena. L-eta' pensjonabbli tiegħu hija dik ta' 65 sena, li jfisser il-mutiplier għandu jkun ta' 33 sena.

**73.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta'**

**Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999 u Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner - vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003, Bonnici - vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**74.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 14% bħala lump sum payment ikun ġust.

**75.** Fil-każ ta' telf futur, dawn il-Qrati jistrieħu fuq l-aktar fattur ċert: is-salarju prinċipali u kull qliegħ ieħor li kellu d-danneġġjat fil-waqt tal-

inċident dannuż u liema qliegħ ikun raġjonevoment wieħed stabbli u fit-tul. Issa l-attur f'din il-kawża, kellu impieg prinċipali fiss mas-soċjeta' konvenuta. Fis-sena tal-inċident kien jaqla' €20,000 (ara a' fol 82A sa 93).

**76.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma, li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni huwa dak li ser jingħata issa, dan ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index imperfect instrument it may be, it is the best we have".* (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

**77.** Issa r-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2019 kienet ta' circa 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. Għalhekk l-ammont finali ta' danni ser ikun miżjud b'dan il-perċentwal.

*<u>Kalkolu ta' danni</u>*

€20,000 (salarju) x 32 (aspettiva tal-ħajja = €640,000 – €89,600 (14% lump sum payment) = €550,400 = €440,320 (80% disability) + €10,000 (dannu psiko-soċjali) = 450,320 // 6% (rata ta' inflazzjoni) + (€27,019) = €477,339.

Għalhekk id-danni li sofra l-Attur jammontaw għal erbgħa mija u sebgħa u sebgħin elf, tlett mija u disgħa u tletin ewro (€477,339).

## Decide

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tas-soċjeta' konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara għalhekk lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għall-inċident li seħħ bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2015 fil-kumpless Sportiv tal-Kottonera għall-ħabta tas-2.30am u għall-konsegwenti debilita' permanenti li l-Attur sofra fil-persuna tiegħu.

**Tilqa' it-tieni talba** Attriċi u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' erbgħa mija u sebgħa u sebgħin elf, tlett mija u disgħa u tletin ewro (€477,339).

**Tilqa' t-tielet talba** Attriċi u tikkundanna lis-soċjeta' The AV Warehouse Limited (C 36143) tħallas l-ammont hawn likwidat bl-imgħaxijiet mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba għas-soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**